MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2012

Rikors Numru. 381/2012

**A B**
**vs**
**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremettiet :

1. Hija u l-intimat C D kienu izzewwgu fit-tmienja u ghoxrin ta’ Ottubru tas-sena elfejn (28.10.2000);
2. Kopja tac-certifikat taz-zwieg hija unita ma dana l-att u markata dokument “A”;
3. Il-partijiet ilhom fattwalment separati minn xulxin ghal mill-inqas l-ahhar sitt (6) snin;
4. Permezz ta’ kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Reuben Debono datat id-dsatax ta’ Ottubru tas-sena elfejn u sebgha (19.10.2007), il-partijiet ftehmu dwar is-separazzjoni tal-beni ta’ bejniethom;
5. Kopja awtentikata tal-kuntratt ta’ separazzjoni tal-beni hija unita ma dana l-att u markata Dokument “B”;

6. Ghalhekk ai fini tas-subartikolu 66B(a) tal-Kap. XV1 jigi dikjarat illi il-partijiet ilhom jghixu mhux flimkien ghal iktar minn erba’ (4) snin kontinwati;
7. Ai fini tas-subartikolu 66B(b) tal-Kap. XV1, jigi dikjarat illi ma hemm l-ebda prospett ragunevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-mizzewgin, tant illi ir-rikorrenti ghandha familja ohra u l-intimat sa fejn taf hi wkoll kellu relazzjonijiet ma persuni ohra;
8. B’referenza ghas-subartikolu 66B(c) tal-Kap. XVI, jigi dikjarat illi ma tnisslux ulied miz-zwieg tal-partijiet, u ghalhekk, ma hemm ebda manteniment dovut;
9. Ai fini wkoll tal-ahhar artikolu succitat, jigi iddikjarat li qatt ma kien hemm kwistjonijiet ta’ manteniment bejn il-partijiet fis-sens illi ebda parti qatt ma talbet xi forma ta’ manteniment mill-parti l-ohra, u ebda parti ma ghandha intenzjoni li taghmel hekk fil-futur;
10. Ai fini tas-subartikolu 66D (5) tal-Kap XV1, jigi iddikjarat li, in vista tal-fatt illi il-komunjoni tal-akkwisti fejn ir-rikorrenti u l-intimat giet xolta u terminata permezz tal-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Reuben Debono datat id-dsatax ta’ Ottubru tas-sena elfejn u sebgha (19.10.2007) u fuq imsemmi, il-partijiet jistghu jghaddu ghad-divorzju minghajr likwidazzjoni ta’ assi, appuntu ghaliex ma ghadx hemm assi komuni bejniethom;
11. Jigi rilevat ukoll, ai fini tas-subartikolu 661(1), illi :

Ai fini tas-surartikolu (a), il-kontendenti ma ghandhomx ulied, u ghahekk ma jezistux kwistjonijiet dwar kura u kustodja;

Ai fini tas-subartikolu (b), peress illi il-kontendenti ma ghandhomx ulied, ma jezistux kwistjonijiet dwar access;

Ai fini tas-subartikolu (c), peress illi il-kontendenti ma ghandhomx ulied, ma jezistux kwistjonijiet dwar manteniment ta’ wlied; ukoll, qatt ma ken hemm kwistjonijiet ta’ menteniment bejn il-partijiet, fis-sens illi ebda parti qatt ma talbet xi forma ta’ manteniment mill-parti l-ohra, u ebda parti ma ghandha intenzjoni li taghmel hekk fil-futur;

Ai fini tas-subartikolu (d), dar konjugali ma tezistix u ghalhekk ma hemmx kwistjonijiet dwar residenza fir-rigward tal-istess;

Ai fini tas-subartikolu (e), il-komunjoni tal-akkwisti ilha xolta u terminata minn meta sar il-kuntratt ta’ separazzjoni

tal-beni fl-atti tan-Nutar Dottor Reuben Debono datat id-dsatax ta' Ottubru tas-sena elfejn u sebgha (19.10.2007);

12. Dan ir-rikors huwa akkompanjat min-nota in ottemperanza ta' dak li jiddisponi is-subartikolu 66G.(2)(a) tal-Kap XVI, liema nota hija annessa ma' dan ir-rikors u mmakata dokument 'DV' u dokument 'AP';

13. Ghalhekk ghandu jirrizulta lil dina il-Qorti illi il-kondizzjonijiet disposti mil-ligi li huma pjenament sodisfatti;

Talbet li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja d-divorzju, ossia il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, wara illi tkun tat dawk l-ordnijiet kollha pertinenti ai termini tal-ligi, inkluzi is-subartikolu 66I.(1) tal-Kap XVI u tas-subregolament 4 tal-Avviz Legali 397 tal-2003;

2. Tordna konsegwentement lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien moghti ghaldaqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-pronunzjament taghha skond l-ewwel talba, sabiex isiru d-debiti registrazzjonijiet fir-Registru Pubbliku;

Rat id-digriet taghha tas-17 ta' Lulju, 2012;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Semghet lill-partijiet jixhdu bil-gurament taghhom;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi biex zwieg jigi mahlul peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom de facto separati minn xulxin ghal mill-anqas l-ahhar sitt (6) snin u illi permezz ta' kuntatt tad-19 ta' Ottubru 2007 il-partijiet kienu itterminaw il-kommunjoni tal-akkwisti bejniethom u minflok applikaw ir-regim tas-separazzjoni tal-beni;

Illi ir-rikorrenti ipprova wkoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal u ghalhekk ma hemm l-ebda manteniment dovut;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------